MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tad-19 ta' Frar, 2008

Avviz Numru. 404/2007

**C&L Calleja Trading Limited**

**vs**

**Allegro Andante Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, mitejn u hamsa u tletin Lira Maltin u disgha u sebghin centezmu, (LM2,235.79,0), ekwivalenti ghal €5,207.99, rapprezentanti prezz ta' prodotti mibjugha lilha fuq ordnijiet taghha stess u li baqa' ma thallasx, oltre l-imghaxijiet mid-dati tal-fatturi relattivi ndikati fuq il-prospett anness u mmarkat "Dok A", sad-data ta' l-effettiv pagament, bl-oghla rata permessa mil-ligi;**

**Nonostante li giet interpellata thallas diversi drabi, inkluz b'ittra bonarja datata 27 ta' Settembru tas-sena 2007, (annessa u mmarkata "Dok B"), is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta, li qieghda tigi minn issa ngunta in subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-13 ta' Frar tas-sena 2007 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta Allegro Andante Limited.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------